Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,644, 24 ta' Lulju, 1998
Taqsima B

A.L. 181 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-regolament 4 għandu japplika mill-1998 'il quddiem.

(2) Ir-regolament 3 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok *'Statistics and Operations Research'* fis-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Statistics and Operations Research	**jew**	Matematika Pura (Avanzata, grad Ċ)
	jew	Matematika Applikata (Avanzata, grad Ċ)
	jew	Computing jew Information Technology (Avanzat, grad Ċ) u Matematika Pura (Avanzata, grad D)
	jew	Computing jew Information Technology (Avanzat, grad Ċ) u Matematika Applikata (Avanzata, grad D)"

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1)(a) Il-gradi għall-kredti għandhom jingħataw skond il-livell milħuq mill-istudent fix-xogħol matul il-kors, u fit-testijiet orali u bil-miktub, kif meqjus xieraq mid-dipartiment responsabbli, bl-approvazzjoni tal-Bord.

(b) Għandu jkun hemm Bord ta' Valutazzjoni għal kull suġġett li jrid ikun valutat, li normalment għandu jkun magħmul mill-kap tad-dipartiment bħala *chairman* u minn żewġ assessuri oħra, sakemm il-Bord jista' jżid in-numru ta' l-assessuri f'xi suġġett. Ir-regolamenti li jirreferu għall-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi fir-Regolamenti għall-Eżamijiet ta' l-Universita', 1997 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Bordijiet ta' Valutazzjoni."